MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 104/2014

**Ta' Frenc Estate limited**

**(C 34667)**

**vs**

**Events Travel & Incentives Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Marzu 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' sebat elef u sittax-il Euro u hamsin

centezmu (€7,016.50) rapprezentanti diversi servizzi moghtija kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz, inkluz dawk ta' l-Ittra Ufficjali datata 28 ta' Jannar 2014 u bl-imghax mid-data ta' kull servizz moghti sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u dana billi, fit 18 ta' Lulju 2014, saret l-affissjoni gewwa l-Kunsill Lokali Sliema, l-Ghassa tal-Puluzija gewwa Sliema u fl-indirizz tas-socjeta' intimata (fol 18 tergo), saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit 12 ta' Settembru 2014 (fol 17) u fil-gazzetta l-Orizzont fid 19 ta' Settembru 2014 (fol 20).

Illi fis-seduta tal-20 ta' Ottubru, 2014 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 29).

Rat illi fis-seduta ta' llum is-socjeta konvenuta giet imsejjha izda ma deher hadd, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma s-somma ta' sebat elef u sittax-il Euro u hamsin centezmu (€7,016.50) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta kif mitluba.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------